# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta tal-lum it-Tlieta 27 ta' Marzu 2001

## Avviz numru : 4/2001GT(GM)

**Michelina Tabone**

**-vs-**

**John Mercieca**

**It-Tribunal ;**

**Ra l-avviz ipprezentat mill-attrici fis-17 ta' Jannar 2001 fejn tablet li l-konvenut John Mercieca jigi kkundannat ihallas is-somma ta' mija u sebghin lira Maltin (Lm170) dovuti bhala danni sofferti mill-attrici per konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li sehh fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Lulju tas-sena elfejn (2000) fi Triq l-Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex bejn il-vettura tal-marka Toyota Hilux bin-numru tar-registrazzjoni ABE 904 misjuqa u appartenenti lill-konvenut u l-vettura tal-marka Suzuki Swift u bin-numru tar-registrazzjoni EBA 564 misjuqa u appartenenti lill-attrici u ta' liema incident l-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imperizji, sewqan eccessiv, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku;**

**Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja mibghuta fit-22 ta' Settembru 2000 u ta' l-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment ma' dan l-avviz lis-socjeta' assikuratrici tal-konvenut;**

**Ra r-riferta posittiva tal-konvenut b'dan l-avviz kif ukoll bl-avviz ghas-smiegh biex jidher ghas-seduta tat-22 ta' Marzu 2001, liema riferta ggib id-data tal-1 ta' Frar 2001;**

**Ra illi l-konvenut naqas li jipprezenta risposta kif ukoll naqas li jidher ghas-seduta tat-22 ta' Marzu 2001 u tal-lum 27 ta' Marzu 2001;**

**Sema' d-deposizzjoni tas-surgent PS187 Mario Cassar li mar fuq il-post tal-incident wara l-kollizjoni, ha l-verzjonijiet taz-zewg sewwieqa nvoluti fil-habta, u rrediga l-iskizz u l-*insurance road accident report,* kif ukoll id-deposizzjoni tal-attrici, u l-kont u recevuta fiskali rigwardanti l-hsarat sofferti mill-attrici;**

**Ikkunsidra**

**Illi l-attrici kienet issuq fl-*outer lane,* fi Triq l-Imgarr, Ghajnsielem, sejra fid-direzzjoni tal-port tal-Imgarr, xeghlet l-*indicator* tax-xellug biex taghti preavviz li kienet sejra tikser lejn l-area ta' parkegg ta' quddiem il-Gozo Press, u fil-fatt hekk ghamlet. Rat lill-vettura tal-konvenut warajha, ukoll fl-*outer lane,* qabel biddlet id-direzzjoni. Izda dan fil-frattemp kien ghamel manuvra ta' sorpass minn fuq ix-xellug tal-attrici, u b'hekk sehhet il-kollizjoni;**

**Il-konvenut, a tempo vergine, ukoll ikkonferma dak li ssostni l-attrici kemm fil-prezenza tas-surgent Mario Cassar kif ukoll quddiem dan it-Tribunal.**

**Ghalhekk it-Tribunal m'ghandu l-ebda dubbju dwar il-verzjoni tal-fatti kifipprezentati mill-attrici dwar kif sehh l-incident.**

**Ili l-attrici ma ghamlet l-ebda manuvra perikoluza jew bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku, u l-anqas ghamlet xi haga li mhux in konformita tal-*highway code.* Qabel biddlet id-direzzjoni, hija ghamlet dak li jirrakkomanda c-Charlesworth & Percy:[2] *Well before a driver overtakes, changes direction, slows down or stops, the rear mirror must be used then a signal given to indicate clearly the intended manoeuvre (Highway Code* tal-Ingilterra, para 99). Ma jidhirx li biddlet id-direzzjoni f'daqqa, imma ghamlet hekk bil-galbu kollu. Is-sitwazzjoni kienet tkun kompletament differenti kieku l-konvenut kien qieghed isuq fil-karreggjata ta' gewwa (*inner lane*). Izda fl-inner lane ma jirrizultax li kien hemm xi hadd; filwaqt li l-konvenut kien fil-karreggjata ta' barra, u ghalhekk il-konvenuta ma kellhiex ghalfejn tahseb li huwa kien sejjer jaghmel manuvra ta' sorpass proprju min-naha tax-xellug taghha;**

**Skond il-*Highway Code:***

**Para. 71: *Never overtake unless you are SURE that you can do so without danger to yourself or others. Be especially careful at dusk or in mist, when it is more difficult to judge speed and distance.***

[2] Charleworth & Percy on Negligence, 9th Edition, London, Sweet & Maxwell, 1997, para 9-206, pagni 727 u 728.

**Para.72:** ***OVERTAKE ON THE RIGHT. This rule does not necessarily apply in the following circumstances:-***

***(i)*** ***when the driver in front has signalled his intention to turn right and you can safely overtake him on his left without inconveniencing other traffic….***

**Il-*Highway Code* f'pajjizna m'ghandux il-forza ta' ligi; b'danakollu id-dispozizzjonijiet tieghu jistabbilixxu kriterji prudenzjali li jistghu jigu mehuda in kunsiderazzjoni biex tigi stabbilita r-responsabilita' fil-proceduri kemm civili kif ukoll kriminali[1];**

**Jghid opportunament ic-Charlesworth[2] & Percy*: overtaking must be done on the right-hand or offside of the vehicle overtaken, save when the driver in front has signalled that he intends to turn right… … … Overtaking on the left must not take place on motorways except where traffic is moving slowly in queues and vehicles in the right-hand lane are moving more slowly than in the left (Highway Code tal-Ingilterra, Para 99)… … …. The driver or rider of the overtaking vehicle, before attempting to overtake, should see that it is safe to do so… … …***

**In all cases it is the duty of the person who is overtaking to allow an adequate margin of safety between his vehicle and the vehicle overtaken (Henry v Santam Insurance Co Ltd 1971 (1) S.A. 468.), and to overtake when he can do so without causing danger to other traffic (Leaver v Pontypridd Urban District Council (1911)76J.P. 31; Umphray v Ganson Bros, 1917 S.C. 371[3].**

**Fl-ahharnett, ghandu jigi rilevat illi l-konvenut ghamel seba' metri brake-marks, li jindika li kien qed isuq bi speed baxx ta' tletin kilometru fis-siegha, u kien cirka erbatax-il metru boghod mill-vettura ta' quddiemu meta din xeghlet l-indicator. Ghalhekk kien boghod bizzejjed biex jevita' l-incident li kieku ma kisirx lejn in-naha tax-xellug fl-istess hin li l-attrici issenjalat li kienet ser taghmel hekk hi;**

**Ghaldaqstant, dan it-Tribunal jiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident in kawza minhabba imperizja, u traskuragni fis-sewqan u konsegwentement tilqa' t-talba attrici u jikkundannah ihallas is-somma ta' mija u seghin lira Maltin (Lm170) dovuti bhala danni sofferti mill-attrici per konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li sehh fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Lulju tas-sena elfejn (2000) fi Triq l-Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex bejn il-vettura tal-marka Toyota Hilux bin-numru tar-registrazzjoni ABE 904 misjuqa u appartenenti lill-konvenut u l-vettura tal-marka Suzuki Swift u bin-numru tar-registrazzjoni EBA 564 misjuqa u**

---

[2] On Negligence, pagna 727, para 9-206 id-Disa' Edizzjoni, Sweet & Maxwell, 1997

[3] ibid. para 9-208

**appartenenti lill-attrici. Bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficcjali ipprezentata kontestwalment ma' dan l-avviz lis-socjeta' assikuratrici tal-konvenut sad-data tal-effettiv pagament; u bl-ispejjez akkordabbli skond il-ligi komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja mibghuta fit-22 ta' Settembru 2000 u l-ittra ufficjali msemmija.**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**